# Linji Gwida

**Dwar l-applikazzjoni tas-sistema ta' approvazzjoni skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar l-Aġenziji li Jiggradaw il-Kreditu**

20/05/2019 | ESMA33-9-282 MT

# Werrej

I. Kamp ta' applikazzjoni ..... 3

II. Referenzi leġiżlattivi, abbrevjazzjonijiet u definizzjonijiet ..... 4

III. Għan ..... 6

IV. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar ..... 6

IV.I Status tal-linji gwida ..... 6

IV.II Rekwiżiti ta' rappurtar ..... 6

V. Linji Gwida ..... 7

V.I Kundizzjonijiet inizjali għall-approvazzjoni ..... 7

V.II Obbligi kontinwi ta' CRA ta' approvazzjoni ..... 7

V.III Rekwiżiti li l-ESMA tikkunsidra tal-anqas stretti daqs dawk stabbiliti fl-Artikoli 6-12 u l-Anness I tas-CRAR ..... 11

# I. Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-aġenziji li jiggradaw il-kreditu stabbiliti fl-Unjoni u rreġistrati mal-ESMA (minn hawn' il quddiem "CRAs tal-UE") skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu[1] (minn hawn' il quddiem "CRAR") li qed japprovaw jew li għandhom l-intenzjoni li japprovaw gradazzjonijiet ta' kreditu maħruġa minn CRA ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 4(3) tal-istess Regolament.

**Xiex?**

2. Dawn il-linji gwida jikkonċernaw kwistjonijiet partikolari relatati mal-gradazzjonijiet ta' kreditu maħruġa f'pajjiżi terzi u approvati skont l-Artikolu 4(3) tas-CRAR. Dawn il-linji gwida jżidu taqsima ġdida (Taqsima 5.3) mal-"Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tas-sistema ta' approvazzjoni skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar l-Aġenziji li Jiggradaw il-Kreditu" ippubblikata mill-ESMA fis-17 ta' Novembru 2017 (ESMA33-9-205).

**Meta?**

3. Dawn il-linji gwida ser japplikaw għall-gradazzjonijiet ta' kreditu maħruġa fl-1 ta' Jannar 2019 jew wara u għall-gradazzjonijiet ta' kreditu eżistenti riveduti wara dik id-data.

[1] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

# II. Referenzi leġiżlattivi, abbrevjazzjonijiet u definizzjonijiet

**Referenzi leġiżlattivi**

| | |
|---|---|
| *Ir-Regolament ESMA* | Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE[2] |
| *CRAR* | Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu [3] kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 513/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-11 ta' Mejju 2011, id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011, ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013, u d-Direttiva 2014/51/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 |
| *CRA 2* | Ir-Regolament (UE) Nru 513/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu[4] |
| *CRA 3* | Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu[5] |

**Taqsiriet**

| | |
|---|---|
| *CRA* | Aġenzija li tiggrada l-kreditu |
| *ESMA* | L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |

**Definizzjonijiet**

| | |
|---|---|
| *CRA tal-UE* | Aġenzija li tiggrada l-kreditu li hija rreġistrata mal-ESMA. |
| *CRA ta' approvazzjoni* | CRA tal-UE li tapprova jew tkun approvat gradazzjoni ta' kreditu waħda jew aktar skont l-Artikolu 4(3) tas-CRAR. |

[2] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.
[3] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1–31.
[4] ĠU L 145, 31.5.2011, p. 30–56.
[5] ĠU L 146, 31.5.2013, p. 1–33.

| | |
|---|---|
| *CRA ta' pajjiż terz* | CRA li tkun irreġistrata u soġġetta għas-superviżjoni f'pajjiż li mhux fl-UE. |
| *Grupp ta' CRAs* | Skont l-Artikolu 3(1)(m) ta' CRAR "grupp ta' CRAs" tfisser grupp ta' impriżi stabbilit fl-Unjoni li jikkonsisti minn impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha skont it-tifsira tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 83/349/KEE kif ukoll ta' impriżi marbuta ma' xulxin b'relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE u li l-okkupazzjoni tagħhom tinkludi l-ħruġ ta' gradazzjonijiet ta' kreditu. Għall-finijiet tal-Artikolu 4(3)(a), grupp ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu għandu jinkludi wkoll aġenziji li jiggradaw il-kreditu stabbiliti f'pajjiżi terzi. |
| *Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' approvazzjoni tas-CRAR* | Id-dispożizzjonijiet ikkwotati fl-Artikolu 4(3)(b) tas-CRAR: L-Artikoli 6 sa 12 u l-Anness I tas-CRAR bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 6a, 6b, 8a, 8b, 8c, 8d u 11a, il-punt (ba) tal-punt 3 u l-punti 3a u 3b tat-Taqsima B kif ukoll il-parti III tat-Taqsima D tal-Anness I tas-CRAR. |

# III. Għan

4. Is-CRAR daħal fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2009. L-emendi introdotti mis-CRA 2 jagħtu s-setgħa lill-ESMA biex twettaq is-superviżjoni tas-CRAs kollha fl-Unjoni Ewropea. L-emendi introdotti mis-CRA 3 ħolqu sett ta' rekwiżiti ġodda għas-CRAs tal-UE. Dawn ir-rekwiżiti l-ġodda daħlu fis-seħħ għall-finijiet tal-approvazzjoni tal-gradazzjonijiet ta' kreditu maħruġa f'pajjiżi terzi fl-1 ta' Ġunju 2018.

5. L-Artikolu 21(3) tas-CRAR jirrikjedi li l-ESMA, f'kooperazzjoni mal-EBA u l-EIOPA, toħroġ u taġġorna linji gwida dwar l-applikazzjoni tas-sistema ta' approvazzjoni skont l-Artikolu 4(3) tas-CRAR. Sabiex tissodisfa r-rekwiżiti imposti fuqha bl-Artikolu 21(3), l-ESMA qed taġġorna l-Linji gwida dwar l-Approvazzjoni ppubblikati fit-18 ta' Mejju 2011.

6. Permezz ta' dawn il-linji gwida, l-ESMA għandha l-għan li tiċċara l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4(3) tas-CRAR.

# IV. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## IV.I Status tal-linji gwida

7. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ESMA u l-Artikolu 21(3) tas-CRAR. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament ESMA, is-CRAs għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

## IV.II Rekwiżiti ta' rappurtar

8. L-ESMA ser tivvaluta l-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida mis-CRAs permezz tas-sorveljanza u l-monitoraġġ kontinwu tagħha tar-rappurtar perjodiku tas-CRAs lill-ESMA.

# V. Linji Gwida

## V.I Kundizzjonijiet inizjali għall-approvazzjoni

9. CRA tal-UE m'għandhiex tibda tapprova l-gradazzjonijiet ta' kreditu qabel ma l-ESMA tkun lestiet żewġ valutazzjonijiet separati, jiġifieri: (1) valutazzjoni tal-kundizzjonijiet relatati mal-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz kif deskritt fil-Qafas Metodoloġiku għal Approvazzjoni[6]; u (2) valutazzjoni ta' ċerti kundizzjonijiet relatati mas-CRAs li għandhom l-intenzjoni li japprovaw gradazzjonijiet ta' kreditu.

## V.II Obbligi kontinwi ta' CRA ta' approvazzjoni

10. L-ESMA tistenna li CRA ta' approvazzjoni tinnotifika lill-ESMA jekk issir taf li waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet ivvalutati inizjalment mill-ESMA m'għadhomx isodisfati. Bħala prattika tajba, il-funzjoni tal-awditu intern għandha tirrevedi regolarment l-ambjent ta' kontroll għall-approvazzjoni.

11. Barra minn hekk, CRA ta' approvazzjoni għandha tiżgura li tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin fuq bażi kontinwa.

**Rekwiżiti relatati mal-Artikolu 4(3)(b)**

12. L-ESMA tqis li l-konformità tas-CRA ta' pajjiż terz mal-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz fiha nnifisha ma tagħtix prova li s-CRA ta' pajjiż terz qed tissodisfa r-rekwiżiti li huma "stretti daqs" ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 12 u l-Anness I tas-CRAR bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 6a, 6b, 8a, 8b, 8c, 8d u 11a, il-punt (ba) tal-punt 3 u l-punti 3a u 3b tat-Taqsima B kif ukoll il-parti III tat-Taqsima D tal-Anness I tas-CRAR (minn hawn' il quddiem "id-dispożizzjonijiet ta' approvazzjoni rilevanti tas-CRAR").

13. Minflok, l-ESMA tistenna li s-CRA ta' approvazzjoni tkun ivverifikat u tkun kapaċi turi li s-CRA ta' pajjiż terz tkun stabbilixxiet rekwiżiti interni li jkunu stretti tal-anqas daqs ir-rekwiżiti korrispondenti fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' approvazzjoni tas-CRAR. Barra minn hekk, l-ESMA tistenna li s-CRA ta' approvazzjoni tkun ivverifikat u tkun kapaċi turi li l-imġiba tas-CRA ta' pajjiż terz tissodisfa r-rekwiżiti interni stabbiliti mis-CRA ta' pajjiż terz fuq bażi kontinwa.

14. Meta s-CRA ta' pajjiż terz tagħżel li tissodisfa direttament ir-rekwiżiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' approvazzjoni tas-CRAR, l-ESMA ma tistenniex li s-CRA ta' approvazzjoni turi li s-CRA ta' pajjiż terz stabbilixxiet rekwiżiti interni li huma stretti daqs ir-rekwiżiti rilevanti tal-UE. F'dan il-każ, l-ESMA tistenna biss li s-CRA ta' approvazzjoni tivverifika u tkun kapaċi turi li l-imġiba tas-CRA ta' pajjiż terz tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tal-UE.

---

[6] L-Anness II tar-Rapport Finali (SMA33-9-246) ippubblikat fis-17 ta' Lulju 2018.

15. Sabiex tkun tista’ tissodisfa r-rekwiżiti deskritti hawn fuq, l-ESMA tistenna li s-CRA ta’ approvazzjoni tkun implimentat miżuri biex:

   a. <u>tissorvelja l-politiki u l-proċeduri tas-CRA ta' pajjiż terz:</u> Tali miżuri għandhom jinkludu valutazzjoni inizjali tal-politiki u l-proċeduri rilevanti fis-CRA ta’ pajjiż terz, li għandhom jitwettqu biex jiġi żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(3)(b) tas-CRAR. Kwalunkwe bidla materjali sussegwenti fil-politiki u l-proċeduri rilevanti fis-CRA ta' pajjiż terz għandha tiġi riveduta u vvalutata wkoll.

   b. <u>timmonitorja l-imġiba tas-CRA ta’ pajjiż terz:</u> tali miżuri għandhom jiżguraw li s-CRA ta’ approvazzjoni tkun kapaċi turi lill-ESMA fuq bażi kontinwa li l-politiki u l-proċeduri rilevanti tas-CRA ta’ pajjiż terz jiġu osservati, pereżempju permezz ta’ kontrolli awtomatizzati bażiċi, valutazzjonijiet perjodiċi fil-fond tal-konformità ta’ kampjun ta’ gradazzjonijiet ta’ kreditu approvati ma’ rekwiżiti speċifiċi jew oqsma ta’ rekwiżiti u/jew reviżjoni tad-dokumentazzjoni prodotta mill-funzjonijiet ewlenin ta’ kontroll tas-CRA ta’ pajjiż terz.

16. Is-CRA ta’ approvazzjoni għandha tiżgura li l-miżuri deskritti hawn fuq ikunu bbażati fuq arranġamenti organizzattivi u amministrattivi xierqa u effettivi u proċeduri ċari ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet, li jallokaw rwoli u responsabbiltajiet.

17. Kull meta s-CRA ta’ approvazzjoni ssib li l-imġiba tas-CRA ta' pajjiż terz tista’ ma tissodisfax ir-rekwiżiti li huma stretti daqs id-dispożizzjonijiet rilevanti ta’ approvazzjoni tas-CRAR, l-ESMA tistenna li s-CRA ta’ approvazzjoni tinforma lill-ESMA u tieħu l-passi xierqa. Il-passi għandhom ikunu proporzjonati u jistgħu jinkludu:

   a. li tintalab kjarifika mingħand is-CRA ta’ pajjiż terz;

   b. li tittieħed azzjoni ta’ rimedju xierqa;

   c. li tiġi sospiża l-approvazzjoni ta’ gradazzjonijiet ġodda li jistgħu jiġu affettwati mill-ksur potenzjali;

   d. li jiġu rtirati gradazzjonijiet approvati pendenti li jistgħu jiġu affettwati mill-ksur potenzjali.

**Rekwiżiti relatati mal-Artikolu 4(3)(c)-(d)**

18. Fir-rigward tal-punt (c) tal-Artikolu 4(3) tas-CRAR, is-CRA ta’ approvazzjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ESMA, fuq bażi ad hoc jew perjodika, kwalunkwe informazzjoni li l-ESMA tista’ teħtieġ sabiex tkun tista’ tivvaluta u timmonitorja l-konformità tas-CRA ta’ pajjiż terz mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4(3)(b).

19. Jekk is-CRA ta’ approvazzjoni tidentifika xi fatturi barra mill-kontroll tagħha li jistgħu joħolqu limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tal-ESMA li tivvaluta u timmonitorja l-konformità tas-CRA ta' pajjiż terz, pereżempju li tirriżulta minn leġiżlazzjoni ta’ pajjiż terz, l-ESMA tistenna li s-CRA ta’ approvazzjoni tinforma lill-ESMA mingħajr dewmien żejjed.

20. Fir-rigward tal-punt (c)-(d) tal-Artikolu 4(3) tas-CRAR, meta mitluba, sabiex tissorvelja s-CRAs tal-UE fuq bażi kontinwa, l-ESMA tistenna li s-CRA ta' approvazzjoni tipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti relatata ma' gradazzjoni ta' kreditu approvata jew l-imġiba tas-CRA ta' pajjiż terz.

**Rekwiżiti relatati mal-Artikolu 4(3)(e)**

21. L-ESMA tqis li dawn li ġejjin għandhom, fost l-oħrajn, jitqiesu bħala raġunijiet oġġettivi skont it-tifsira tal-Artikolu 4(3)(e):

a. meta entità jew strument iggradat ma jkunx tal-UE[7];

b. meta gradazzjoni ta' kreditu approvata relatata ma' entità jew strument tal-UE tkun dipendenti fuq il-gradazzjoni ta' sussidjarja jew kumpanija prinċipali tal-entità ggradata li mhijiex tal-UE;

c. meta parti żgħira biss mill-gradazzjonijiet pendenti ta' CRA fi klassi ta' assi definita b'mod ristrett huma entitajiet jew strumenti tal-UE u meta persunal analitiku speċjalizzat f'din il-klassi ta' assi huwa bbażat barra l-UE. Madankollu, CRA għandha kontinwament tiżgura li għandha persunal analitiku speċjalizzat ibbażat fl-UE fi proporzjon mar-rilevanza tal-klassi tal-assi fl-UE; u

d. meta jseħħ avveniment li jħalli impatt temporanju fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità analitika ta' grupp ta' CRAs, bħal fil-każijiet li ġejjin:

   i. CRA fetħet uffiċċju tal-UE riċentement u l-persunal li għandhom l-esperjenza biex jiggradaw xi entitajiet jew klassijiet ta' assi tal-UE għadhom mhumiex ibbażati fl-UE.

   ii. Azzjoni korporattiva bħal akkwiżizzjoni jew fużjoni, jekk l-attività ta' gradazzjoni ma tibqax tirrifletti l-istruttura korporattiva l-ġdida.

   iii. Nuqqas ta' persunal analitiku ewlieni li ma setax raġonevolment ikun previst jew ippjanat.

22. Sabiex tiddependi fuq raġunijiet oġġettivi msemmija fil-paragrafu 21(d), CRA għandha tkun kapaċi turi lill-ESMA li hija qiegħda tieħu l-passi meħtieġa biex tippermetti t-trasferiment gradwali ta' dawn il-gradazzjonijiet lejn l-UE.

23. Is-CRA ta' approvazzjoni għandha tinnotifika lill-ESMA meta r-raġunijiet oġġettivi għall-elaborazzjoni ta' gradazzjonijiet ta' kreditu approvati barra mill-UE, tiddevja minn dawk indikati lill-ESMA. Sabiex tkun tista' tissodisfa dan ir-rekwiżit u biex tippermetti lill-ESMA

[7] Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, il-pajjiż ta' entità jew l-istrument finanzjarju jsegwi l-Artikoli 4-6 kif ukoll il-Kaxxa 10 tat-Tabella 1 tal-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament delegat tal-Kummissjoni 2015/2 tat-30 ta' Settembru 2014 fir-rigward tal-standards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li s-CRAs għandhom jagħmlu disponibbli għall-ESMA, disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32015R0002

tivvaluta r-raġuni oġġettiva għal gradazzjonijiet individwali, l-ESMA tistenna li s-CRA ta' approvazzjoni tiddokumenta r-raġuni oġġettiva għal kull gradazzjoni ta' kreditu approvata u tivverifika perjodikament li r-raġuni oġġettiva indikata għal gradazzjoni ta' kreditu approvata pendenti tibqa' valida.

## V.III Rekwiżiti li l-ESMA tikkunsidra tal-anqas stretti daqs dawk stabbiliti fl-Artikoli 6-12 u l-Anness I tas-CRAR

24. L-ESMA tqis li rekwiżit jista' jitqies li huwa strett daqs rekwiżit stabbilit fis-CRAR skont it-tifsira tal-Artikolu 4(3)(b) meta jikseb l-istess objettiv u effetti fil-prattika. L-ESMA tqis li CRA ta' approvazzjoni li ma tistax turi lill-ESMA li t-twettiq tal-attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu minn CRA ta' pajjiż terz li jirriżulta fil-ħruġ ta' gradazzjonijiet ta' kreditu approvata tissodisfa rekwiżiti li huma tal-anqas stretti daqs dawk stabbiliti fid-dispożizzjonijiet ta' approvazzjoni rilevanti tas-CRAR tikser l-Artikolu 4(3)(b) tas-CRAR, sakemm ir-raġuni għall-ksur ma tkunx barra mill-għarfien jew il-kontroll tas-CRA. Madankollu, dan ma għandux jinftiehem bħala li tneħħi CRA ta' approvazzjoni mill-obbligu prevalenti tagħha li tivverifika l-konformità tal-kondotta tas-CRA ta' pajjiż terz kif speċifikat fil-Paragrafi 15-17 ta' hawn fuq.

25. Din li ġejja hija lista mhux eżawrjenti ta' rekwiżiti interni alternattivi li l-ESMA tqis li tal-inqas huma stretti daqs rekwiżit stabbilit f'waħda mid-dispożizzjonijiet ta' approvazzjoni rilevanti tas-CRAR. Madankollu, meta f'dawn il-linji gwida ma jiġi pprovdut l-ebda rekwiżit intern alternattiv, l-ESMA tirrakkomanda li s-CRA ta' approvazzjoni tiżgura li s-CRA ta' pajjiż terz tissodisfa direttament ir-rekwiżiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet ta' approvazzjoni rilevanti tas-CRAR skont il-paragrafu 14 ta' hawn fuq.

26. L-ESMA tqis li CRA ta' approvazzjoni wriet lill-ESMA li t-twettiq tal-attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu minn CRA ta' pajjiż terz li jirriżulta fil-ħruġ ta' gradazzjoni ta' kreditu approvata jissodisfa rekwiżiti li huma tal-inqas stretti daqs dawk stabbiliti fi:

    a. L-Artikolu 7(4) u l-Punt 8 tat-Taqsima C tal-Anness I tas-CRAR **(Rotazzjoni)**, fejn is-CRA ta' pajjiż terz ma tissoġġettax il-persunal tagħha għal rotazzjoni tat-tul u l-frekwenza meħtieġa skont dawn id-dispożizzjonijiet, iżda minflok:

        i. tirreġistra t-tul ta' żmien ta' analisti, analista ewlieni u persuna li tapprova l-gradazzjonijiet ta' kreditu tkun assenjata lil emittent wieħed;

        ii. tiżgura li l-analisti, l-analisti ewlenin u l-persuni li japprovaw il-gradazzjonijiet ta' kreditu jkunu soġġetti għal mekkaniżmu xieraq ta' rotazzjoni li jipprevedi bidla gradwali f'timijiet analitiċi u kumitati tal-gradazzjoni ta' kreditu;

        iii. ikollu fis-seħħ rekwiżiti interni dedikati u robusti relatati ma' kunflitti ta' interess potenzjali bejn analista u entità ggradata;

    b. L-Artikolu 7(4) u l-Punt 8 tat-Taqsima C tal-Anness I tas-CRAR flimkien mal-Artikolu 6(3) tas-CRAR, fejn is-CRA ta' pajjiż terz ma tissoġġettax il-persunal tagħha għal kwalunkwe rotazzjoni u s-CRA ta' approvazzjoni tkun ivverifikat u kapaċi turi lill-ESMA li s-CRA ta' pajjiż terz tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 6(3) tas-CRAR;

c. L-Artikolu 8(7)(a) tas-CRAR **(Żbalji fil-metodoloġiji)**, fejn is-CRA ta' approvazzjoni tirrapporta l-informazzjoni stabbilita f'dawn id-dispożizzjonijiet lill-ESMA għal gradazzjoni ta' kreditu li tkun approvat, bl-istess mod tirrapporta tali informazzjoni għall-gradazzjonijiet ta' kreditu maħruġa fl-UE;

d. L-Artikolu 10(2a) tas-CRAR **(Informazzjoni interna)**, fejn il-gradazzjonijiet ta' kreditu li għandhom jiġu approvati, il-prospetti ta' gradazzjoni u l-informazzjoni relatata magħhom jiġu ttrattati skont ir-rekwiżiti tas-sistema ta' dak il-pajjiż terz għall-immaniġġjar ta' informazzjoni interna sal-mument tal-pubblikazzjoni/żvelar u meta s-CRA ta' pajjiż terz tikkonforma mar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali stabbiliti fl-Artikolu 7(3) kif ukoll il-Paragrafu 3 tat-Taqsima C tal-Anness I tal-CRAR;

e. L-Artikolu 10(3) u (5) tas-CRAR **(Divulgazzjonijiet ta' gradazzjoni)**, meta l-iżvelar rilevanti jsir f'konformità mad-definizzjonijiet stabbiliti fis-CRAR b'mod ċar u prominenti iżda mingħajr l-użu ta' simbolu distintiv jew kodiċi ta' kulur;

f. L-Artikolu 11(3) u l-punt 2 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I tas-CRAR kif speċifikat aktar fir-Regolament Delegat dwar it-Tariffi [8] **(Rappurtar ta' informazzjoni dwar it-tariffi)**, fejn jinżammu rekords tal-politiki tal-ipprezzar, il-proċeduri u l-iskedi tariffarji tas-CRA ta' pajjiż terz u fejn jiġu rreġistrati devjazzjonijiet minn dawn. L-ESMA ser titlob dawn ir-rekords u informazzjoni relatata mis-CRAs fuq bażi ad hoc;

g. L-Artikolu 12 u l-Parti III tat-Taqsima E tal-Anness I tas-CRAR **(Rapport ta' Trasparenza)**, fejn is-CRA ta' approvazzjoni tinkludi informazzjoni dwar il-gradazzjonijiet ta' kreditu approvati fir-rapport tagħha stess dwar it-trasparenza, li jiżgura li:

    i. id-deskrizzjoni tal-mekkaniżmi interni ta' kontroll li jiżguraw il-kwalità tal-attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu ta' CRA tinkludi mekkaniżmi ta' kontroll applikabbli għal gradazzjonijiet ta' kreditu approvati;

    ii. l-eżitu tar-rieżami intern annwali tal-funzjoni ta' konformità indipendenti ta' CRA jikkunsidra r-rwol tal-funzjoni ta' konformità tas-CRA ta' approvazzjoni fir-rigward tal-gradazzjonijiet approvati;

    iii. id-deskrizzjoni tal-politika ta' żamma ta' rekords u rotazzjoni tal-analisti tindika jekk tali politiki humiex globali jew humiex applikati biss għal gradazzjonijiet tal-UE;

[8] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Ewropea (2015/1) tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta s-CRAR fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għar-rappurtar perjodiku dwar it-tariffi imposti mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għall-iskop ta' superviżjoni kontinwa mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

iv. l-informazzjoni finanzjarja dwar id-dħul tas-CRA ta' approvazzjoni, inkluż il-fatturat totali u l-allokazzjoni ġeografika ta' dak il-fatturat għal dħul iġġenerat fl-Unjoni u madwar id-dinja tiddikjara b'mod ċar jekk ġiex ikkunsidrat id-dħul mill-gradazzjonijiet approvati;

h. Il-Paragrafu 3(aa) tat-Taqsima B tal-Anness I **(Parteċipazzjonijiet azzjonarji inkroċjati)**, meta s-CRA ta' approvazzjoni tapprova biss gradazzjoni ta' kreditu ġdida li potenzjalment tkun affettwata mis-sitwazzjoni stabbilita f'din id-dispożizzjoni meta:

   i. din tiġi żvelata b'mod ċar u prominenti;

   ii. ils-CRA ta' pajjiż terz tkun ivverifikat li l-azzjonist jew il-membru tas-CRA mhuwiex f'pożizzjoni li jeżerċita influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet kummerċjali tas-CRA[9];

   iii. is-CRA ta' pajjiż terz għandha rekwiżiti interni b'saħħithom biex tiżgura li l-azzjonist jew il-membru ma jkunx jista' jeżerċita xi influwenza fuq il-gradazzjoni ta' kreditu; u

   iv. iż-żamma ta' kapital jew drittijiet tal-vot fis-CRA ta' pajjiż terz ma tkunx aktar minn 20 %;

i. Il-punt 3c tat-Taqsima B tal-Anness I tas-CRAR **(Rekwiżiti relatati mat-tariffi)**, fejn it-tariffi imposti għal gradazzjonijiet ta' kreditu u servizzi anċillari ma jiddependux fuq il-livell ta' gradazzjoni ta' kreditu maħruġ jew fuq kwalunkwe riżultat jew eżitu ieħor tal-ħidma mwettqa u fejn it-tariffi imposti għall-gradazzjonijiet ta' kreditu u s-servizzi anċillari jiġu stabbiliti f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni u tal-antitrust rilevanti fis-seħħ fil-pajjiż terz;

j. Il-Punt 3 tal-Parti I tat-Taqsima D tal-Anness I tas-CRAR **(Notifika ta' qabel il-pubblikazzjoni)**, fejn is-CRA ta' pajjiż terz:

   i. tinnotifika entità ggradata dwar azzjoni ta' gradazzjoni qabel il-pubblikazzjoni;

   ii. matul is-sigħat tan-negozju tal-entità ggradata; u

   iii. tipprovdi lill-entità ggradata ammont raġonevoli ta' żmien biex tipprovdi feedback filwaqt li tqis, fost l-oħrajn, l-obbligi regolatorji l-oħrajn tas-CRA;

[9] Kif stabbilit fl-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità nru 28: Investimenti f'Kumpaniji Assoċjati u Impriżi Konġunti, il-paragrafi 5-6.

k. Il-Punt 6 tal-Parti I tat-Taqsima D tal-Anness I tas-CRAR **(Valutazzjonijiet inizjali u gradazzjonijiet preliminari)**, fejn is-CRA ta' pajjiż terz ma jinċentivax u ma jiffaċilitax intenzjonalment ix-xiri tal-gradazzjoni.